7 ta' Marzu, 1949

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Joseph Olivieri Munroe

## Libell — "Innuendo" — Ironija — Komuniżmu — Ministru — Editur.

*F'materja ta' inġurja per mezz ta' l-istampa l-inġurja tista' tirriżulta per mezz ta' "innuendo".*

*L-"innuendo" jista' jkun ta' żewġ xorta, jiġifieri dak li per mezz tiegħu tiġi identifikata l-persuna li ma tkunx issemmiet b'isimha, u dak li per mezz tiegħu jiġi stabbilit is-sens tal-kliem ritenut inġurjuż mill-persuna li tippretendi li ġiet inġurjata.*

*Huwa paċifiku fl-insenjamenti dottrinali illi materja per sè mhux libelluża tista' ssir tali meta tassumi l-forma ta' l-ironija. U hija salutari l-massima li biex il-kitba inkriminata tiġi ritenuta inġurjuża, jew le, għandha tingara kollha kemm hi bħala ħaġa waħda, u mhux jittieħdu d-diversi paragrafi ta' dik il-kitba iżolatament; b'mod li wieħed għandu jara l-konnessjoni li jkun hemm bejn dawk id-diversi partijiet tal-kitba inkriminata.*

*Dak li kellu f'moħħu l-imputat meta kiteb l-artikolu inġurjuż ma hux materjali biex tiġi stabbilita l-imputabilità; kif lanqas ma hija materjali l-prova li huwa ma kellux l-intenzjoni deliberata li jinġurja lill-persuna milquta bil-kitba tiegħu. Meta mbagħad il-kliem jinkiteb b'ton ironiku, l-intenzjoni malizzjuża hija ntiża fl-istess ironija.*

*L-imputazzjoni li wieħed huwa komunista hija mputazzjoni inġurjuża; u l-inġuria tikber fil-gravità tagħha meta dik l-imputazzjoni ssir kontra ministru tal-Kuruna.*

*Il-fatt li fl-opinjoni ta' l-editur tal-ġurnal fejn deher l-artikolu libelluż inkriminat dak l-artikolu mhux libelluż, ma jiswiex bħala attenwanti billi l-editur ikollu ċerta esperjenza. Dik l-esperjenza ta' l-editur, għall-kuntrarju, għandha pjuttost taggrava l-piena, għax b'dik l-esperjenza huwa aktar faċili għalih li jindunu bix-xorta libelluża tal-kitba inkriminata.*

Dan hu appell ta' l-imputat minn sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-22 ta' Diċembru 1948, li biha hu ġie misjub ħati talli, bħala editur tal-gazzetta "The Nation", fin-numru 156 ta' dik il-gazzetta, tal-20 ta' Ottubru 1948, fl-artikolu intitolat "Fragments", ta malafama

lill-Onorevoli Dominic Mintoff, Ministru tal-Kuruna f'Malta, u fiha attribwielu fattijiet determinati bi skop li joffendi l-unur u l-fama tiegħu u jesponieh għad-disprezz tal-publiku, u ġie kundannat għall-piena tal-multa ta' £5;

Dina l-Qorti, wara li eżaminat l-inkartament............ għamlet dawn ir-riflessjonijiet;

Ma hemmx kwistjoni bejn il-partijiet illi, meta ġie publikat l-artikolu li minnu tilmenta l-Prosekuzzjoni, l-imputat kien l-editur tan-"*Nation*", u għalhekk, jekk hemm responsabilità kriminali, dina taqa' anki fuqu, skond l-art. 26 tal-Liġi ta' l-Istampa, Kap. 117 Ediz. Riv.;

Kif jidher ċar mill-iskritturi ta' l-imputat, u kif deher mill-argumenti tad-difensur tiegħu waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, il-kontestazzjoni hi waħda, u radikali; jiġifieri illi l-artikolu mhux libelluż, għaliex, in kwantu għal dawk il-partijiet ta' l-artikolu li fihom jissemma "nominatim" il-Ministru Mintoff, fihom jew ma jingħad xejn inġurjuż, jew anzi l-Ministru jiġi mfaħħar; u in kwantu għall-partijiet l-oħra ta' l-artikolu, f'dawn ma hemmx ħlief asserzjonijiet ġeneriċi dwar il-Komunisti, bla ebda idea ta' riferenza lill-Ministru Mintoff;

Għalhekk l-indaġini involuta fil-kawża hi waħda — jekk l-artikolu hux libelluż a dannu ta' dak il-Ministru;

L-artikolu jikkonsisti f'sebgħa partijiet jew paragrafi. Fl-ewwel parti jingħad li waqt diskussjoni fil-Parlament, u wara interruzzjoni ta' membru tal-partit Nazzjonalista, il-Ministru Mintoff qal li hu ma jittollerax interruzzjonijiet minn membru ta' dak il partit, li skond id-Djarju ta' Ciano kien qed jirċievi flus mill-Gvern Taljan. Fit-tieni parti l-artikolista jgħid kemm kien ikun interessanti kieku issa jiġi publikat id-Djarju ta' Togliatti, biex wieħed jara x'kontatti hemm bejn il-Komunisti Taljani u l-Komunisti Maltin. Fit-tielet parti jingħad li l-publikazzjoni tad-Djarju ta' Togliatti tkun tista' tixħet dawl fuq il-validità ta' xhieda ġuramentata, li dwarha l-Komunisti għandhom "very interesting notions". Fir-raba' parti jingħad kemm hu dnub li l-Prim Ministru ma fdax lill-Ministru Mintoff bid-dikasteru tal-Pulizija, għaliex dan hu żagħżugħ u enerġiku, u taħt id-direzzjoni tiegħu l-attivitajiet tal-Komunisti lokali malajr kienu jinkixfu. Fil-ħames parti jingħad li, peress li Malta hi viċin lejn l-Italja u hi fortizza, aktarx li l-Komunis-

ti Taljani ġew mogħtija istruzzjonijiet minn Moscow biex jinkludu anki l-Komunisti Maltin. Fis-sitt parti hemm riportat bran mid-diskors ta' l-Attorney General ingliż, li fih jingħad li l-Komunisti huma "fifth columnists", li jagħmlu attijiet ta' sabotaġġ taħt id-direzzjoni ta' Moscow. U fl-aħħar parti jiġi rakkomandat li kulħadd jordna l-kopja tad-"Diary" ta' Togliatti minn issa, biss il-Komunisti jeħduha b'xejn. L-artikolu jispiċċa bil-kliem, fit-tarf ta' dina l-parti, "Poche parole al buon intenditore";

Biex tiġi mpustata sewwa l-kwistjoni hu spedjenti li jiġi eżaminat f'liema mod il-Prosekuzzjoni taħseb li l-artikolu jinġurja lill-Ministru Mintoff, u f'liema mod l-imputat jgħid li ma hemmx inġurja;

In kwantu għall-Prosekuzzjoni, skond il-verbal fol. 2 talproċess, dina tikkunsidra li l-artikolu nkriminat jagħmel "innuendo", fis-sens li min jaqrah għandu jifhem illi l-Ministru Mintoff huwa komunista, li kellu relazzjonijiet ma' Togliatti u kontatti ma' komunisti taljani, li għalhekk mhux il-persuna adattata li jkollha taħt it-treġija tagħha l-Ministeru tal-Pulizija, u li x xhieda li dan il-Ministru ta bil-ġurament mhix ta' min joqgħod fuqha;

Għandu jingħad, "en passant", illi hu fatt aċċettat bejn il-partijiet (ara xhieda ta' l-istess imputat) li fi proċess ieħor kriminali l-Ministru Mintoff għamel dikjarazzjoni taħt ġurament fis-sens li hu ma hux komunista;

L-imputat fix-xhieda tiegħu rribatta li fl-ewwel parti ta' l-artikolu hemm sempliċi affermazzjonijiet ta' fatt bl-ebda mod inġurjuż; fit-tieni, tielet, ħames, sitt u seba' paragrafi, ma hemmx ħlief riferenzi ġenerali għall-komuniżmu u għal ħadd in partikulari; fir-raba' parti l-Ministru hu anzi mfaħħar bħala kandidat tajjeb għall-ministeru tal-Pulizija in vista tal-kapaċità u attività tiegħu;

L-imputazzjoni hi bażata fuq l-"innuendo". Dan l-"innuendo" hu ta' żewġ xorta, jiġifieri, kif jispjega l-Gatley, "On Libel and Slander" p. 522, "Innuendo identifying the plaintiff" u "Innuendo as to the meaning of the words";

In kwantu għall-ewwel xorta ta' "innuendo", dan japplika għal dawk il-partijiet ta' l-artikolu li l-Prosekuzzjoni ssostni li huma nġurjużi u li jirriferixxu għall-Ministru Min-

toff, għad li ma jsemmux ismu. Infatti dan l-"innuendo" hu hekk definit minn Gatley (loc. cit.): "where the plaintiff is described by his initial letters, or by a fictitious name, or by the name of somebody else, or (dan hu l-każ preżenti) where he is not mentioned at all";

In kwantu għat-tieni xorta ta' "innuendo" hu paċifiku fl-insenjamenti dottrinali li materja per sè mhux libelluża tista' ssir tali meta tassumi "the form of irony" (ara Spencer Bower, "A Code of the Law of Actionable Defamation", page 45, u nota ittra (r); ara wkoll l-Odgers, "Libel and Slander", fejn jingħad "the plaintiff may also aver in his statement of claim that the words were spoken ironically"). Hekk ukoll il-Frola, "Delle Ingiurie e Diffamazioni", paġ. 288, fejn jgħid: "Talvolta avviene che il concetto che si suol esprimere si presenti con parole in apparenza contrarie, e allora si ha l'ironia..........." Il-Folkard, "The Law of Slander and Libel", jagħti definizzjoni komprensiva fejn jgħid—paġ. 355—"An innuendo is sometimes necessary, where the language of the defendant is apparently innocent and inoffensive, but where, nevertheless, by virtue of its connection with known collateral circumstances, it conveys a latent and injurious imputation";

Stabbilit dan, hu ageyoli li l-ġudikant jara jekk l-artikolu, minħabba l-"innuendo" allegat, mifthem dan l-"innuendo" legalment fis-sens premess, hux libelluż bi ħsara tal-Ministru Mintoff;

Il-Qorti t'bda biex tosserva illi, jekk hemm każ tipiku ta' kemm hi salutari l-massima li l-kitba nkriminata għandha tinqara "as a whole", dak il-każ hu proprju dan. Hu ċar, għal kull min jaqra dan l-artikolu, illi s-seba' paragrafi tiegħu għandhom bejniethom rabta tali li, kieku kull wieħed kellu jiġi kunsidrat bħalli kieku ma kellux x'jaqsam ma' l-ieħor, allura ma kienx ikun hemm ebda sens fl-artikolu. Qal sewwa Lord Kenyon C.J. fil-kawża "R. v. Reeves" (Peake, Add. Ca. 84; 26 How. St. Tr. 530) illi min jiġġudika għandu jiddiriġi l-indaġini tiegħu "to gather the general effect which the whole composition would have on the minds of the public". B'dan il-mod biss jista' wieħed jasal għal dak li fil-ġurisprudenza taljana ġie, bi frażi feliċi, imsejjaħ "il vero concetto dominante" ta' l-artikolu (ara Coen, Rep. voce "Stampa", para. 62);

Issa, meta wieħed jikkunsidra l-artikolu kollu "as a whole", u jikkunsidrah, sija pure, "in a fair, free and liberal spirit", u anki jżomm quddiem għajnejh illi "considerable latitude must be given to political writers", ma jistax, ċjononostante, ma jiġix għall-konklużjoni li l-artikolu hu fil-fatt libelluż għad dannu tal-Ministru Mintoff, in kwantu li dak li jifhem min jaqrah hu li dak il-ministru għandu x'jaqsam mal-Komunisti Taljani, li ma tantx għandha tiġi emmnuta d-dikjarazzjoni tiegħu taħt ġurament li hu mhux komunista, u li x'ironija kienet tkun kieku dak il-Ministru kellu jiġi nominat Ministru tal-Pulizija biex jisradika l-Komuniżmu minn Malta;

Dwar li l-artikolu hu dirett kollu kemm hu għall-Ministru Mintoff ma jistax ikun hemm dubju. Din hija l-impressjoni li jieħu kull bniedem raġjonevoli li jaqra l-artikolu. Din hija l-impressjoni ta' l-Imħallef sedenti. U kif qal Lord Scrutton, in "Ley vs. Hamilton" (1934)—ara Ball, "Libel and Slander", p. 113,—"a judge is supposed to find what the great majority of reasonable men would *think, without any evidence except* his own intuition". Imma hemm anki ċirkustanzi estrinseċi li jieħdu għall-istess konklużjoni. Dawn huma prinċipalment dawk li sejrin jinsteimgħu :—

1. Il-għaliex (hu leġittimu li wieħed jistaqsi) fost il-vizzji u perikoli kollha tal-Komuniżmu, għandha tissemma f'dan l-artikolu, fejn f'żewġ paragrafi hemm imsemmi "nominatim" il-Ministru Mintoff, proprju ċ-ċirkustanza li l-Komunisti għandhom "very interesting notions" dwar ix-xhieda bil-ġurament? *Ammenokkè wieħed ma jridx jabbanduna l-loġika u l-bwon* sens, ma jistax ma jirrispondix illi l-artikolista għażel dik fost iċ-ċirkustanzi l-oħra kollha għaliex, peress li l-Ministru Mintoff kien iddikjara b'ġurament f'kawża oħra li hu ma kienx komunista, kienet dik iċ-ċirkustanza li setgħet aġevolment tikkonnettieh fil-ħsieb tal-qarrej ma' dak li kien qiegħed jingħad fl-artikolu dwar l-idea tal-ġurament li għandhom il-komunisti;

2. Jekk l-artikolista ried ifaħħar lill-Ministru Mintoff għall-enerġija u għall-kapaċità tiegħu, hu ċertament stran li *l-artikolista kellu proprju jagħżel li jdaħħal dan it-tifħir fil*-kontest ta' artikolu fejn jissemma l-Komuniżmu, u aktar stran li kellu jikkonnetti dan it-tifħir mhux mad-dikasteru li għalih hu attwalment prepost il-Ministru Mintoff, jew ma' xi xogħol

ieħor, imma proprju mal-Ministeru tal-Pulizija in relazzjoni mal-Komuniżmu f'Malta. Anki hawn il-loġika u l-bwon sens juru li t-tifħir hu minn dik ix-xorta ta' "ironical praise" li, bir-raġun, hi kunsidrata bħala libelluża (ara Boydell vs. Jones, 4 M. & N., 446; 7 Dowl. 210; 1 H. & H. 408; R. v. Brown, 11 Mod. 86, Holt, 425; Sir Baptist Hick's Case, Hob. 215). Il-Folkard (p. 91) jiċċita każ li fih l-imputat kien kiteb pamphlet intitolat "Advice to the Lord Keeper by a Country Parson", u fih parir li "he would have him love the Church as well as the Bishop of Salisbury, — manage as well as Lord Haversham, — be brave as another lord —" u b'hekk, lil kull wieħed imsemmi tah "a character". Id-difensur ta' l-imputat f'dik il-kawża argumenta (kif ġie argumentat f'din il-kawża) li "there was no cause to charge the defendant because he said no ill thing of any person, and all he said was good of them". Il-Qorti ddeċidiet li t-ton ironiku rrenda l-pamphlet libelluż. Hekk fil-każ preżenti. Dawk li l-Odgers isejjaħ "surrounding circumstances" (p. 130) jikkonvertu t-tifħir, minn tali, f'inġurja;

3. Fix-xhieda tiegħu l-imputat qal dawn il-kliem:— "Jiena nassejt illi l-artikolu kellu ton ironiku". Issa dina d-dikjarazzjoni, li tirrispekkja dak li jħoss kull min jaqra l-artikolu, hi appuntu l-qofol tat-teżi ta' l-akkuża. Infatti, jekk hu ironiku, allura t-tifħir ma hux tifħir ġenwin, u allura x'inhu ħlief dak li preċiżament qiegħda tifhem il-Prosekuzzjoni, ċjoè illi, minħabba li l-Ministru Mintoff, skond l-artikolista, hu komunista, kien ikun irriżorju li hu jiġi fdat bid-dikasteru tal-Pulizija?

4. In-"nexus" bejn id-diversi partijiet ta' l-artikolu ma jistax ħlief jieħu għall-istess konklużjoni sostnuta mill-Prosekuzzjoni. Infatti, kieku wieħed kellu jissintetizza fi ftit kliem, iġifieri f'dawk sostanzjali u interdipendenti, l-artikolu inkriminat, ir-riżultat kien ikun dan li ġej:— "Il-Ministru Mintoff qal li ma jridx interruzzjonijiet minn membri tal-Partit Nazzjonalista li, skond id-Diary ta' Ciano, kienu jirċievu fondi mill-Gvern Taljan; min jaf x'jinkixef dwar Komunisti Maltin kieku Togliatti jiddeċiedi jippublika d-Diary tiegħu; dak id-Diary, kieku publikat, jista' wkoll jixħet dawl fuq kemm tiswa xhieda b'ġurament, għax il-komunisti għandhom idejiet

strani dwar ġuramenti; xi dnub Dr. Boffa ma jinnominax lil Mintoff bħala Ministru tal-Pulizija, għax, kieku, dan, bravu u attiv, ma jsirx jaqbadhom". Malli wieħed jirrifletti li x-xhieda b'ġurament hi dik tal-Ministru Mintoff, fis-sens li hu mhux komunista, immedjatament jidher in-ness loġiku bejn id-diversi partijiet ta' l-artikolu fl-"innuendo" tagħhom kif fuq rilevat. Mingħajr l-interpretazzjoni ta' l-"innuendo", l-artikolu jitlef is-sens tiegħu kollu. Dak li jagħtih sens hu appuntu li "sting" tiegħu għad-dannu tal-Ministru Mintoff;

5. Iżda mhux biss hemm, minn fomm l-imputat, l-ammissjoni tat-ton ironiku ta' l-artikolu, imma, fit-tarf ta' l-artikolu, hemm kliem li bihom l-artikolista jfisser ċar li hu ma riedx igħid dak li apparentement qal, imma ried jinsinwa l-kuntrarju, u ried li l-artikolu jinqara "between the lines". Dan hu s-sens tal-kliem "Poche parole al buon intenditore", li bihom jikkonkludi l-artikolu. Il-għala "poche parole"? Il-għala "al buon intenditore"? Ir-risposta hi illi dawn il-kliem jiġu wżati appuntu meta bniedem ma jkunx tkellem ċar u direttament, imma jkun esprima ruħu b'riferenzi, sarkażmu, u allużjonijiet. L-artikolista, b'dawk il-kliem tat-tarf, wera l-preokkupazzjoni tiegħu li l-qarrej jifhem li huwa kien qiegħed jitħaddet mhux sinċier, imma b'ironija. L-Odgers jiċċita deċiżjoni ta' Baron Pollock, meta jgħid li "a word added at the end may altogether vary the sense of the preceding passage" (p. 114). F'dan il-każ, anki mingħajr dawk il-kliem konklużjonali, kien ċar x'ried igħid l-artikolista; imma bihom hemm anki ċara l-idea konfermatriċi ta' l-artikolista stess. Dan hu għalħekk każ li fih, kif fil-każ "Churchill vs. Gedney" (1889) 43 J.P. 47, "there was a passage in the document itself which shewed that the defendant was putting and desiring his correspondent to understand that he was putting, upon the language used, the worst possible interpretation";

6. It-teżi tad-difiża, kif konkretata fix-xhieda ta' l-imputat, għandha fiha nnifisha l-insostenibilità tagħha. L-imputat ikkommenta kull paragrafu għalih iżolatament, u ma tax każ tan-"nexus" li hemm bejn id-diversi paragrafi. Hu veru li għandu jiġi apprezzat il-valur ta' kull paragrafu; im-

ma l-iskritt inkriminat għandu jiġi valutat "as a whole". "The jury", qal Lord Ellenborough C.J. in "R. v. Lambert and Perry", 2 Camp. 398, "should not dwell on isolated passages, but judge of the publication as a whole". Biex l-artikolu jiġi miftiehem "innocenter", hemm bżonn li jiġi distrutt in-"nexus" ta' l-artikolu li, kif inhu ċar, ma jistax u ma għandux jiġi distrutt;

L-imputat, fix-xhieda tiegħu, elabora dak li fehem hu. Iżda dak li seta' fehem hu ma jfisser xejn, għal dawn ir-raġunijiet :—

a) Dak li kellu f'rasu l-imputat ma hux materjali għall-kejż. "What meaning the speaker intended to convey is immaterial in all actions of defamation" ("Haire vs. Wilson", 9 B. & C. 645). "Words", qal f'sentenza oħra (dik "Hankinson vs. Bilby", 16 M. & W. 445), "cannot be construed according to the secret intent of the speaker". Kif josserva opportunatament l-Odgers (p. 109) :— "The question, therefore, is always how were the words understood by those to whom they were originally published. We must assume that they were persons of ordinary intelligence. We must assume too that they gave to ordinary English words their ordinary English meaning, to local or technical phrases their local and technical meaning. That being done, what meaning did the whole passage convey to an unbiassed mind?"

b) Ma teħtieġx, f'każijiet ta' libell, il-prova ta' l-intenzjoni deliberata li l-imputat kellu li jingurja lill-ieħor. Ir-raġuni hi ċara, u tiġi hekk spjegata mill-Folkard (loc. ċit. p. 293) :— *"For if a man wilfully does an act likely to occasion mischief to another, and to subject him to disgrace, obloquy, and temporal damage, he must, in point of law as well as morals, be presumed to have contemplated and intended the evil consequences which were likely to ensue"*;

c) Apparti dan, kif argutament josserva l-Frola, f'każ (kif inhu dan) ta' kliem b'ton ironiku, l-intenzjoni malizzjuża hi intiża fl-istess ironija. "Torna poi evidente", igħid dak l-awtur, "che nel caso di ironia e di sarcasmo insito deve aversi, e non deve più *altrimenti dimostrarsi, il dolo dell'autore*; in quanto che quello studio posto nell'inventare o con-

traffare il significato naturale delle parole, dando loro aspetto innocuo, mentre velano l'ingiuria, troppo apertamente fa conoscere la malizia dell'agente, senza uopo di altra maggior prova circa l'intenzione delittuosa" (p. 290, loc. cit.);

Ma hemmx dubju, għalhekk, li r-riferenza kienet għall-Ministru Mintoff;

L-addebiti huma bla dubju inġurjużi;

L-imputazzjoni li x-xhieda tal-Ministru Mintoff mhix tali li wieħed jagħmel assenjament fuqha hi ċertament inġurjuża, għaliex tirrendih kapaċi mhux biss ta' "peccatum grave", mill-punto di vista tal-morali, imma anki tad-delitt ta' sperġur taħt il-liġi pożitiva;

L-imputazzjoni illi hu komunista hi ugwalment inġurjuża. Il-karattru inġurjuż ta' din il-kelma ġa ġie ritenut ("semble") f'sentenza tal-Qrati Ingliżi ta' l-1926 (Burns and others vs. Associated Newspapers Co. Ltd. (1926) 42, T.L. R. 37, Astbury J.);

Il-lum il-ġurnata, in vista ta' l-iżvilupp tas-sitwazzjoni mondjali, lanqas jista' jkun hemm kwistjoni dwar daqshekk. Issa li d-dinja prattikament iddividiet ruħha f'żewġ blokki, wieħed dak tal-Komuniżmu u l-ieħor dak tad-Demokrazija, intiża l-kelma "demokrazija" fis-sens veru tagħha, issa li l-Komunisti huma, b'kunsens unanimi, konfermat dan l-aħħar bid-dikjarazzjoni espliċita tal-kapijiet tagħhom, bħal ma huma Togliatti u Thorez, kunsidrati bħala ko-operaturi potenzjali, f'każ ta' bżonn, tal-Forzi Armati tas-Soviet kontra r-reġim demokratiku ta' pajjiżhom, issa li l-forzi tal-Komuniżmu huma dikjarati mill-Knisja bħala diretti kontra l-Kristjaneżmu, l-epitetu "komunista". u l-kliem li jimportaw li wieħed hu in kontatt mal-partit komunista, huma ekwipollenti għall-imputazzjoni li wieħed hu traditur potenzjali ("a potential fifth columnist") u anti-reliġjuż — ħaġa li, del resto, hi dikjarata fl-istess artikolu biċ-ċitazzjoni ta' kliem li ntqalu mill-Attorney General Ingliż Sir Hatley Shawcross;

Il-gravità ta' dina l-inġurja s'intendi tikber meta tkun diretta, kif inhi f'dan il-każ, kontra Ministru tal-Kuruna;

Għalhekk fil-meritu, u għar-raġunijiet premessi, is-sentenza hi sewwa;

Kwantu għall-piena, hu prinċipju tal-liġi li fuq appell ta' l-imputat din ma tistax tiġi aggravata, u l-Qorti ta' l-Appell ma tistax iżżidha, ankorkè jidhrilha li tkun miti. F'dan il-każ dina l-Qorti ma hija qiegħda tesprimi (għaliex mhix imsejħa biex tesprimi) ebda ġudizzju dwar l-entità tal-piena, iżda, sabiex ma jiġix argumentat mill-konferma tas-sentenza illi l-Imħallef sedenti talvolta jaqbel ma' dak li rritjena l-Maġistrat, illi ċjoè, il-fatt li, fl-opinjoni ta' l-imputat, editur ta' ħamsa u għoxrin sena esperjenza, l-artikolu ma kienx libelluż, jista' jikkostitwixxi ċirkustanza attenwanti, l-istess Imħallef sedenti jħoss li hu ma jaqbelx ma' dan il-prinċipju; anzi jidhirlu illi l-esperjenza ta' snin tista' pjuttost taggrava, fis-sens li kien ikun aktar faċili li wieħed jinduna bix-xorta libelluża tal-kitba inkriminata;

Għal dawn il-motivi, u fis-sens tagħhom;

Dina l-Qorti ta' l-Appell tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.